MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 158/2007/1

**Joseph Said Limited**

**vs**

**Charles Sammut**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat il-31 ta' Mejju tas-sena 2007, li permezz tieghu is-socjeta` attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, disa' mija u wiehed u tletin Lira maltin u erbgha u

sittin centezmu, (LM1,931.64,0), rapprezentanti hlas ghal kunsinna ta' merkanzija da parti tas-socjeta` attrici lill-istess konvenut;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali spedita fl-1 ta' Frar tas-sena 2007, u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-ittra legali appena citata kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-konvenut datata s-26 ta' Gunju tas-sena 2007 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur u dana stante illi huwa qatt ma xtara merkanzija minghand is-socjeta` attrici, u se mai kien missier l-esponenti u cioe Charles Sammut, u dana kif jirrizulta mill-*istatements* mahruga mis-socjeta` attrici stess;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz mhu dovut xejn lis-socjeta` rikorrenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-seuspost it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta bi trapass ta' hames snin;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat it-talba tar-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici datata s-7 ta' Novembru tas-sena 2007, li permezz taghha talab il-korrezzjonijiet hemm indikati;

Rat li r-rapprezentant legali tal-konvenut m'opponiex;

Rat il-verbal taghha datat ukoll is-7 ta’ Novembru tas-sena 2007 li permezz tieghu laqghet it-talba tas-socjeta` attrici u ordnat il-korrezzjoni mitluba;

Rat l-ordni taghha ghan-notifika mill-gdid tal-konvenut bir-rikors promotur kif korrett;

Rat li l-istess konvenut ta ruhu notifikat bir-rikors kif korrett u li l-istess konvenut iddikjara li l-eccezzjonijiet intavolati qabel il-korrezzjoni japplikaw ukoll ghall-eccezzjonjiet wara tali korrezzjoni, bl-eccezzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni – li allura issa hi rtirata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Innotat li ghalkemm il-partijiet esploraw il-possibilita` ta’ transazzjoni, din il-possibilita` baqghet ma ntlahqitx;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament, jigi sollevat li l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16;

Illi l-imsemmi artikolu jirrigwarda l-azzjonijiet li jaqghu bi preskrizzjoni fl-eghluq tal-perjodu ta’ hames (5) snin mill-bidu taghhom;

Illi fost dawn l-azzjonijiet il-konvenut jissolleva il-paragrafu (f) li jistabilixxi li:

“…l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi

jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku”,

Illi ghalhekk, ghar-risoluzzjoni tal-kaz odjern hu essenzjali li jkun individwati s-segwenti:

1. Id-data meta bdew l-obbligi kreditizji;

2. It-trapass ta’ perjodu ta’ hames (5) snin minn din id-data;

Ikkunsidrat:

Illi biex ikun jista’ jigi stabbilit dan il-perjodu hu essenjzali s-segwenti analizi fattwali tal-vertenza li jista’ jigi sintetikament kompilat bil-mod segwenti:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici fl-avviz promotur hu debitament lilha dovut mill-konvenut ghall-haxix li kien jixtri minghandha;

2. Illi jirrizulta li l-ahhar li l-konvenut xtara minghand is-socjeta` attrici kien f’Awissu tas-sena 2006;

3. Illi r-relazzjoni tajba li qabel kienet ghal zmien twil tezisti bejn il-partijiet kienet tippermettilhom joperaw komodament flimkien bis-socjeta` attrici tippermetti lill-konvenut ihallas mensilment il-konsenji lilu moghtija;

4. Illi s-socjeta` attrici pprezentat diversi fatturi fejn jidher spjegat kif l-ammont pretiz minnha mill-konvenut hu effettivament dovut, senjatament mill-24 ta’ Lulju tas-sena 2006 sal-21 t’Awissu ta’ l-istess sena;

5. Illi jirrizulta li f’Awissu tas-sena 2006 il-konvenut ghazel li jieqaf jixtri minghad is-socjeta` attrici izda ghazel ukoll li ma jsaldax il-bilanc dovut sa’ dak ix-xahar;

6. Illi tramite d-diretturi taghha s-socjeta` attrici kemm-il darba tablet lill-konvenut biex jaghlaq il-kont li kien ghad hemm pendenti izda peress li dan ma sehhx, kienet kostretta tipprocedi bil-kawza odjerna;

7. Illi di piu', kull l-ahhar tax-xahar kien jinhareg rendikont appozitu u jintbaghat lill-konvenut bil-posta, fl-ewwel gimgha tax-xahar sussegwenti, izda dan ukoll kien inutili;

Ikkunsidrat:

Illi pero' skond l-analista finanzjarju tal-konvenut l-ammont mitlub fl-analizi odjern kien gia` gie debitament imhallas, peremzz ta' *cheque* bin-numru 6342 datat it-28 ta' Novembru tas-sena 2006, kif spjegat a fol 38;

Illi ghalhekk l-ammont rikjest mis-socjeta` attrici mhux dovut;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jinghad li l-ewwel vertenza li ghandha tigi hawn indirizzata hi l-eccezzjoni preliminari;

Jinghat immedjatament li ghalkemm l-istess konvenut issolleva din l-eccezzjoni preliminari partikolari pero', jonqos li jindirizzaha u jiffoka minflok fuq il-meritu tal-procedura;

Illi ghalhekk, ghalkemm vantata, ma jressaq l-ebda prova fir-rigward;

Illi konsegwentement, tenut kont tal-principju li min jallega jrid jipprova, jirrizulta li l-konvenut jippekka bi kbir fir-rigward, ma jindirizzax l-istess eccezzjoni tieghu u allura, ma jhalli l-ebda dubju li tali

allegazzjoni effettivament ma tistax tittiehed b'dik is-serjeta` dovuta;

Illi stante li ma tirrizultax pruvata, din l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut qed tigi respinta bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu ghandu jinghad li t-talba attrici hi sostenuta minn elenku shih ta' fatturi dettaljati li rendikont taghhom kien jintbaghat lill-konvenut regolarment ghall-ahjar informazzjoni tieghu;

Illi nonostante dan l-iter preciz tas-socjeta' attrici, il-konvenut jallega s-saldu tal-ammont dovut billi jistrieh fuq *cheque* partikolari li jinkludi ammont ferm akbar minn dak mitlub f'dawn l-atti;

Illi jidher ghal din il-qorti lid an juri nuqqas ta' kjarezza u trasparenza fl-operat tal-konvenut kif immexxi mill-konsulent finanzjarju tieghu, liema konsulent ghandu jiftakar li l-professjoni tieghu mhix wahda li tikrea n-nebulozita` fil-kontijiet rizultanti fil-kummerc izda bil-maqlub, li tikkjarifika bi precizjoni kull transazzjoni rilevanti;

Illi f'ghajnejn il-qorti jirrizulta li l-operat tal-konvenut u tal-konsulent finanzjarju tieghu jirrazentaw l-att ferm aktar serju innominabbli li fil-kaz tal-konsulent finanzjarju jkun t'effett ferm aktar devastanti minn fuq dak tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi d-dokumenti pprezentati mis-socjeta` attrici jassodaw it-talba taghhom u konsegwentement tqis li l-istess socjeta` ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi;

Ghaldaqstant in vista tal-premess:

> 1. Tiddikjara li l-konvenut Charles Sammut hu debitur tas-socjeta` attrici Joseph Said Limited fl-ammont ta' elf disa' mija u wiehed u tletin Liri Maltin u erbgha' u sittin centezmu (LM1,931.64,0) ekwivalenti ghal erbat erbat elef erba' mija u disgha u disghin Ewro u wiehed u hamsin u tmenin centezmu (€4499.51);
>
> 2. Tikkundanna lill-istess konvenut indikat fil-paragrafu precedenti biex ihallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` attrici fuq indikata;
>
> 3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kif mitluba fl-avviz promotur."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut biex jitlob ir-revoka taghha. L-aggravju ewlieni tieghu hu fis-sens li l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici gie saldat permezz ta' hlas *b'cheque* datat 22 ta' Novembru, 2006;

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-process u ezaminat ir-rizultanzi probatorji suppliti mill-kontendenti. Is-socjeta` attrici tippretendi li l-konvenut, debitur taghha, ma hallasx l-ammont indikat fl-Avviz, kostitwenti prezz ta' prodotti ta' haxix u frott ghall-perijodu bejn l-24 ta' Lulju, 2006 u l-21 ta' Awissu, 2006. Il-konvenut, invece, jissottometti li ma ghandux jaghti dik is-somma billi gja hallasha permezz tac-*cheque* surreferit. L-aggravju tieghu hu proprju fis-sens illi ma kellux jigi kkundannat ihallas ghaliex skond il-kotba tieghu dik is-somma tirrizulta saldata bil-prova ta' dak ic-*cheque*. Huwa jirritjeni illi l-ewwel Qorti ma setghetx tinjora jew twarrab dan l-istess *cheque* bil-kumment ingustifikat ta' nuqqas ta' kjarezza u ta' trasparenza fl-operat tieghu;

Evidentement, il-punt kollu li jinzel minn din l-esposizzjoni qasira hu dak jekk il-provi ghandhomx iwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzjoni xort'ohra minn dik raggunta mill-ewwel Qorti;

Bla dubju din il-Qorti hi konfrontata bejn dak li xehed Keith Said, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici (fol. 15 u fol. 34) u dak li xehed Richard Cachia, l-*accountant* tal-konvenut (fol. 17 u fol. 37). Ta' l-ewwel jafferma illi meta f'Awissu 2006 l-konvenut waqaf ghal kollox li jixtri minghand il-kumpanija attrici kien ghad baqa' l-bilanc specifikat skond il-fatturi esebiti minn fol. 20 sa fol. 29. Tat-tieni jirribatti illi c-*cheque* pagat fit-22 ta' Novembru 2006 kien ikopri sew dawk il-fatturi kif ukoll ohrajn anterjuri bejn it-3 ta' Lulju, 2006 u l-20 ta' Lulju, 2006 (ara dokument a fol. 41);

Hu principju illi l-hlas jikkostitwixxi l-adempiment ta' obbligazzjoni pekunjarja. Dan jinzel sew mid-definizzjoni ta' l-Artikolu 1146 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "l-hlas ifisser l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni". Hu wkoll principju ben rikonoxxut fil-gurisprudenza illi "l-pagament ta' dejn jista' jigi pruvat mhux biss bir-ricevuti, imma anke b'mezzi ohra, basta li l-gudikant bil-provi forniti fil-gudizzju jakkwista c-certezza morali li l-hlas ikun effettivament sar" ("**Rosario Spiteri -vs- Michele Mifsud**", Appell Kummercjali, 30 ta' Ottubru, 1953). Hu, imbaghad spjegat illi dawn il-mezzi huma dawk kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant. Ara "**Emmanuele Bezzina -vs- Emmanuele Attard *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Frar, 1959. Ara wkoll in mertu "**Joe Chetcuti *et* -vs- Joseph Pearson *et nomine***", Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 1998 u "**John Grima -vs- Victor Borg *et***", Appell Superjuri, 28 ta' Novembru, 2008;

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami ma jidherx li huwa kontrastat illi l-konvenut ghamel pagament permezz ta' *cheque* datat 22 ta' Novembru, 2006, debitament imsarraf mis-socjeta` attrici. Ara kopja tieghu a fol. 40. Il-vera kontestazzjoni tidher li tirrigwarda l-kwestjoni jekk

f’dak il-hlas, b’dak ic-*cheque*, kienux ukoll koperti l-fatturi dwar liema s-socjeta` attrici appellata tirreklama l-pagament;

L-ewwel Qorti donnha timplika fir-ragonament li ghamlet fis-sentenza appellata illi la dak ic-*cheque* partikulari kien jinkludi ammont ferm akbar minn dak domandat, allura, bhal speci, dan ghandu jitraduci ruhu f’nuqqas ta’ kjarezza da parti tal-konvenut. Sew fuq l-ezami tal-provi prodotti kif ukoll fuq il-bazi tal-preponderanza tal-probabilitajiet; din il-Qorti, rispettosament, ma tifhemx l-argomentazzjoni astratta ta’ l-ewwel Qorti u ser tghaddi biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni hekk raggunta;

Mhux argoment valevoli illi ghaliex l-ammont tac-*cheque* hu superjuri ghall-ammont komplessiv tal-fatturi prodotti mis-socjeta` attrici, *ergo*, kienet tezisti mankanza ta’ kjarezza jew, li hu aghar, li dan il-fatt jattira lejh il-kumment ingustifikat ta’ l-ewwel Qorti bl-insinwazzjoni li taghmel ghal xi operat illecitu. *Multo magis*, imbaghad, fejn il-parti msejha biex toffri l-ispjegazzjoni ta’ dan ic-*cheque* ghamlet dan permezz ta’ xhieda u tas-suffragju ta’ dokumenti;

Fuq il-bazi fattwali ma humiex minghajr rilevanza l-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

(1) L-appellanti pprova li ghamel pagament wara li r-rapport negozjali bejn il-partijiet intemmu ghal kollox f’Awissu, 2006;

(2) Is-socjeta` attrici mhux biss ma nnegatx dan il-pagament izda, fuq kollox, lanqas ma zmentiet jew xort’ ohra pparalizzat bi prova kuntrarja jew b’sottomissjoni diversa l-ispjegazzjoni dettaljata fornita mill-*accountant* tal-konvenut illi dak il-hlas hekk maghmul kien ikopri wkoll il-fatturi li dwarhom hi ppretendiet hlas minghand l-appellanti. Fil-verita`, fil-fehma ta’ din il-Qorti ma tirrizultax l-imprecizazzjoni allegata mill-ewwel Qorti jew dik l-

insinwazzjoni avversa taghha fil-parti razzjonali tas-sentenza;

(3) Huwa veru li s-socjeta` attrici ma rrilaxxjat ebda kwittanza jew ricevuta ghall-pagament li sarilha izda minn naha l-ohra l-istess socjeta` lanqas ma ddisputat dan il-hlas u lanqas ukoll ma baghtet tavza lill-appellanti illi l-hlas minnha ricevut kien wiehed sempliciment akkont ghax kienet qed tippretendi hlas bilancjali ulterjuri;

(4) In raguni ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti ssibha difficli biex taccetta l-proposizzjoni illi wara l-hlas b'dan ic-*cheque* kien baqa' pendenti l-kreditu pretiz.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar ghal kollox is-sentenza appellata u b'hekk tichad it-talba tas-socjeta` attrici appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------